25 FEB 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 622**

**It-Tlieta 27 ta' Jannar, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 622.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

622.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u l-Kaptan Patrick Barbara jkunu skużati.

## 622.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

622.2.1 Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-621 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 622.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

622.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-1 ta' Frar u kkonferma li l-preparamenti kienu lesti; sussegwentement, is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' tuża s-siġill uffiċjali tal-Kunsill fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 1 ta' Frar 2026. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament li jawtorizza u japprova l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill fuq l-imsemmija ċertifikati.

622.3.2 Fis-6.10 ta' filgħaxija s-Sinjorina Toshera Schembri daħlet għal-laqgħa.

622.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata *performance bonus* lill-impjegat tar-*Resource and Support Services Limited* u tal-*Engineering Resources Limited,* skont il-lista annessa.

622.3.4 Is-Sur Carlo Scicluna talab li tiġi ppreżentata l-lista tal-individwi li ġew innominati għal Jum Ħaż-Żabbar, minħabba li ma kienx irċieva l-*email* relatata.

622.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar kien irċieva stedina minn Eschborn fil-Ġermanja sabiex jattendi għal attività ta' ċikliżmu li ser issir bejn it-30 ta' April u t-2 ta' Mejju 2026 minflok *Eschenfest.* Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm membri nteressati sabiex jattendu u żied jgħid li kien ser jipprova jgħaqqad grupp ta' ċiklisti sabiex jipparteċipaw f'din l-attività. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill għandu jagħti din l-opportunità liż-Żabbarin fl-ewwel lok. Is-Sindku spjega li, jekk ikun hemm ċiklisti nteressati jipparteċipaw, dawn ser ikollhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom personalment. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti li skont ir-regolamenti finanzjarji n-nefqa marbuta ma' ġemellaġġ li jirregolaw l-iskambji internazzjonali, l-infiq massimu approvat għal dan l-iskop huwa ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja tas-sena rispettiva, liema minnhom tkun l-ogħla.

622.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-garaxx mikri mill-Kunsill li jintuża bħala *store* tal-Kunsill fi Triq id-Dukkar u nfurmat lill-membri preżenti li s-sid tal-imsemmi garaxx kien bagħat komunikazzjoni biex jinforma li ma kellux l-intenzjoni li jġedded il-kirja. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kienet talbet estensjoni sal-

aħħar ta' Marzu sabiex il-Kunsill ikun jista' isib garaxx alternattiv. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill iġedded il-kirja tal-garaxx li għandu fi Triq il-Ġilbiena għal sena oħra addizzjonali. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kirja tal-garaxx fi Triq il-Ġilbiena u jibda jfittex garaxx ieħor għall-kiri fil-viċinanzi tal-Kunsill.

622.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar jekk huwiex possibbli li r-responsabbiltà u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tat-Tribunal relatata mas-siġra li waqgħet fuq vettura fi Triq iċ-Ċawsli għandhomx jiġu mgħoddija lill-kuntrattur responsabbli miż-żbir tas-siġar. Is-Sindku spjega li l-parir tal-avukat kien li ssir talba lill-kuntrattur sabiex jirrifondi d-danni u l-ispejjeż kollha tal-qorti, peress li ma kienx wettaq l-obbligi li kellu skont il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-kuntrattur iħallas għad-danni u l-ispejjeż relatati ma dan il-każ.

622.3.8 Is-Sindku tkellem dwar l-iżvilupp propost PA/01617/24 f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u nforma lill-membri preżenti li kien ġie sottomess r-rikors t'appell lit-Tribunal tal-Ambjent u l-Ippjanar. Is-Sindku spjega li l-iżviluppatur kien issottometta wkoll ir-risposta għall-appell tal-Kunsill. Għaldaqstant, il-Kunsill qed jistenna d-data tat-tribunal sabiex ikun hemm l-ewwel smiegħ.

622.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-iskema SPI/SCI/10/2025 dwar il-Korsijiet Lifelong Learning 2026–2027 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà u nfurmat lill-membri preżenti li l-iskema reġgħet infetħet għall-applikazzjonijiet u li l-Kunsill, jekk ikun interessat, huwa mitlub jissottometti l-applikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-imsemmija korsijiet u li, għal sena oħra, jerġa' jorganizza l-korsijiet bħal ma sar fis-snin preċedenti.

622.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li s-sejħa tal-offerti ZLC 3/2025 dwar is-Servizz ta' Tindif f'Toroq Mhux Urbani kienet għalqet u li issa ser jinbeda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.

622.3.11 Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li fil-futur qarib ser jinbdew ix-xogħlijiet fi Sqaq Nru 2, 3 u 5 fi Triq l-Inkurunazzjoni, li jinkludu l-bdil tas-servizzi, u wara l-isqaqien ser jingħataw kisi tal-wiċċ bil-konkos bl-*imprint*. Is-Sur Joseph Agius irrimarka li f'wieħed mill-isqaqien kien għaddej xogħol ta' kostruzzjoni f'waħda mid-djar u qed jiddaħħal materjal bil-gaffa. Is-Sindku qal li kien konxju dwar dan u spjega li dan l-isqaq ser jitħalla għall-aħħar. Is-Sindku żied jgħid li wara ser jinbeda wkoll xogħol fi Sqaq Nru 1 u 4 fi Triq l-Inkurunazzjoni, kif ukoll fi Sqaq il-Koppla.

622.3.12 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet tal-isqaqien f'Misraħ is-Sliem u f'Misraħ San Ġakbu li kellhom jitwettqu mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet u nfurma lill-membri preżenti li wieħed mill-isqaqien kien tlesta, iżda l-kuntrattur ma kienx ser ikompli jwettaq aktar xogħlijiet fuq sqaqien oħra. Is-Sindku spjega li d-Dipartiment għax-Xogħlijiet kien qed ifittex kuntrattur ieħor sabiex ikompli bix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li huwa stess kien talab li l-kuntrattur preżenti ma jkomplix peress li x-xogħlijiet

ma kinux qed jitwettqu kif mistenni u kienu nħolqu diffikultajiet tekniċi. Is-Sindku sostna li sakemm jinstab kuntrattur kompetenti, m'għandhomx jibdew aktar xogħlijiet, b'mod partikolari fi Sqaq Lajri minħabba li dan huwa sqaq twil u jista' joħloq diversi problemi bħal dawk li nqalgħu fi Sqaq il-Misraħ, fejn huwa kellu personalment jassisti persuna b'diżabilità sabiex tkun tista' toħroġ mill-isqaq. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk ix-xogħol fi Sqaq il-Misraħ sarx b'mod adegwat. Is-Sindku wieġeb li huwa talab lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet jagħmel analiżi tax-xogħol li sar sabiex jiċċertifika jekk ix-xogħol kienx sar sew, u żied jgħid li hemm il-periti tekniċi responsabbli biex jiddeċiedu dwar dan. Is-Sindku fakkar li fi Sqaq il-Misraħ hemm erba' familji u kien ikollu jmur kuljum jassisti persuna li tuża s-siġġu tar-roti, filwaqt li fi Sqaq Lajri jgħixu madwar tletin familja, fosthom diversi anzjani.

622.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa teknika ma' Infrastruttura Malta sabiex jinbdew ix-xogħlijiet ta' *resurfacing* ta' Triq Lia. Is-Sindku spjega li x-xogħol fi Triq Lia ser ikopri t-triq minn Triq il-Kapuċċini sa Triq id-Dukkar. Is-Sindku żied jgħid li għaddejjin taħdidiet sabiex jinbdew ukoll ix-xogħlijiet fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka.

622.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-ċimiterju kien għadu jeħtieġ jissottometti dokumentazzjoni pendenti qabel ma jkunu jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet.

622.3.15 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx inħarġet sejħa għall-offerti sabiex jitwettaq ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-isqaqien. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill diġà għandu kuntratt eżistenti sabiex isir dan ix-xogħol. L-isqaqien ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu ser isiru mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

622.3.16 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni li ser isir fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4, li ser jiġi ffinanzjat permezz tal-iskema *Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u Inklussivi*. Is-Sindku qal li kien qed jistenna lill-perit tal-Kunsill sabiex jikkonferma jekk dan jistax jitwettaq permezz tal-kuntratt eżistenti, u jekk le, il-perit għandu jibgħat il-kundizzjonijiet tekniċi u d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

622.3.17 Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien issottometta t-talba lil Transport Malta sabiex jinqaleb il-parkeġġ fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi tal-iskola ta' St Angela u l-Mużew tas-subien. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet lis-Sindku jekk kienx tkellem mal-Kap tal-Iskola. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien approva l-bidla fil-parkeġġ wara li kien iddiskuta l-materja mas-sorijiet, u li matul din il-laqgħa kien qed jagħti biss aġġornament. Is-Sinjura Calleja talbet lis-Sindku biex is-sorijiet jinżammu aġġornati, u żiedet tgħid li, skont informazzjoni li kellha, xorta waħda seta' jkun hemm parkeġġ irregolari; għalhekk talbet li jkun hemm infurzar.

622.3.18 Is-Sindku tkellem dwar it-tiġrija tar-roti li kienet ippjanata li ssir fl-1 ta' Frar mal-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Ndafa Pubblika u qal li minflok din ġiet ippjanata li ssir fl-10 ta' Mejju 2026.

622.3.19 Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li l-Kunsill qed jippjana li jerġa' jiffirma *Memorandum* ta' Ftehim mal-Kurja sabiex jiġi estiż u mġedded il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett relatat mad-Dar għall-Anzjani, Dar Sagra Familja. Barra minn hekk, is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien irċieva kopja tal-*Memorandum* ta' Ftehim (MOU) mingħand SIPM, b'rabta mal-proġett tad-Dar għall-Anzjani Dar Sagra' Familja u spjega li SIPM hija entità li tipprovdi servizzi ta' appoġġ u tmexxija ta' proġetti, inkluż assistenza fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċess ta' akkwist u l-ġestjoni tal-proġett. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-miżati applikabbli li huma kkalkulati b'perċentwal fuq il-valur tal-proġett, u qal li qed jiddiskuti din il-materja mal-Kurja sabiex l-ispejjeż li jitħallsu lil SIPM jiġu rimborżati. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ser ifittex l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jiffirma l-MOU, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qabel ma titressaq it-talba għall-approvazzjoni għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, hemm bżonn li tkun disponibbli l-informazzjoni kollha u d-dokumentazzjoni relevanti, inkluż l-ispiża stmata tal-proġett u konferma bil-miktub dwar ir-rifużjoni mill-Kurja, sabiex it-talba tkun kompluta u sostnuta kif meħtieġ. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-perit tal-Kunsill jipprovdi stima tal-ispiża tal-proġett sabiex ikun jista' jiġi kkalkulat l-ammont li ser jitħallas lil SIPM, li tinkiseb konferma bil-miktub tal-Kurja li ser tħallas lura l-ispejjeż li jitħallsu lil SIPM, li sussegwentement jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jiffirma l-*Memorandum* ta' Ftehim ma' SIPM u sabiex il-ftehim u l-impenn finanzjarju relatati jkunu awtorizzati u konformi mar-regolamenti finanzjarji u tal-akkwist.

622.3.20 Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Leone Sciberras daħal għal-laqgħa.

622.3.21 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ dwar l-attivitajiet li s-Soċjetà torganizza annwalment, inkluż l-attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa Kbira, il-Pesaħ u l-Kunċert Funebri, kif ukoll il-festa u l-Milied u dwar l-attivitajiet li huma bi ħsiebhom jorganizzaw fl-2026; jiġifieri Żabbar Autofest fis-17 ta' Mejju, Żabbar Beerfest fit-3 u 4 ta' Lulju u l-Halloween Festival fit-30 u 31 t'Ottubru. Is-Sindku qal li s-Soċjetà qed tfittex kollaborazzjoni mal-Kunsill kemm fuq livell loġistiku kif ukoll finanzjarju u li ser jiltaqa' mar-rappreżentanti tas-Soċjetà flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-Kultura, is-Sur Carlo Scicluna, sabiex jiġi definit l-ammont ta' kollaborazzjoni. Wara din il-laqgħa s-Sindku ser jerġa' iressaq il-materja quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Sindku qal li s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ issottomettiet il-permessi relatati maż-Żabbar Autofest sa minn Ottubru 2025 għall-Ħadd 17 ta' Mejju 2026 u li l-attività hija ppjanata li ssir fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku rrefera wkoll għal reklamar fuq il-midja soċjali mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar tiġrija ta' 10K fl-istess ġurnata, u qal li sa issa l-Kunsill għadu ma rċieva ebda talba għall-permess u lanqas għandu nformazzjoni dwar mil-liema toroq ser tgħaddi din it-tiġrija. Is-Sindku fakkar li matul it-tiġrija 5K li tiġi organizzata f'Awwissu, ir-rotta normalment tgħaddi wkoll minn Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, u għalhekk, sabiex jiġi evitat kunflitt bejn l-attivitajiet, talab li l-Kunsill jikkuntattja lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex tipprovdi r-rotta tat-tiġrija 10K. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-attività Żabbar Autofest ilha numru ta' snin tiġi organizzata, filwaqt li t-10K qed tiġi

organizzata għall-ewwel darba. Is-Sindku qal li s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ kienet issottomettiet il-permessi għall-Autofest, għall-Halloween u għall-Beerfest minn ħafna żmien qabel u spjega li l-Kunsill normalment ma japprovax permessi li jiġu ppreżentati minn ħafna xhur qabel id-data tal-attività peress li jkun għad hemm diversi aspetti li jridu jiġu kkonfermati. Is-Sur Carlo Scicluna qal li kull attività teħtieġ ħafna preparamenti li jridu jsiru minn qabel u għalhekk huwa mportanti li l-proċess tal-permessi jinbeda kmieni. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li biex l-attivitajiet jiġu ppjanati tajjeb ikun meħtieġ kalendarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa li kellha ssir mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar l-attivitajiet li kellhom jiġu organizzati matul is-sena 2025 baqgħet ma saritx, u minkejja dan, l-attivitajiet xorta waħda ġew organizzati u l-Għaqda bagħtet il-kontijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li dawn l-attivitajiet ma kinux approvati mill-Kunsill u għaldaqstant sa llum għadhom ma tħallsux. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li mhux xieraq li l-għaqdiet jinjoraw lill-Kunsill, tkun min tkun l-għaqda. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel biex tikkjarifika liema attivitajiet bi ħsiebha torganizza matul is-sena 2026 sabiex issir laqgħa magħhom u tiġi diskussa l-kollaborazzjoni kif ukoll jiġu diskussi l-kontijiet pendenti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru laqgħat mal-għaqdiet sabiex jiġu diskussi l-kollaborazzjonijiet għas-sena 2026.

**622.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

622.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Diċembru 2025 u s-27 ta' Jannar 2026 li kienet tammonta għal €83,836.72.

622.4.2 Is-Sindku talab li flimkien mal-iskeda jiġi approvat ħlas dovut lil *Dalli Advocates* li jammonta għal €4,956 b'rabta ma' servizz legali provdut matul l-appell tal-iżvilupp propost PA/01617/24 f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kif ukoll biex jiġi approvat ħlas dovut lil HMK Ltd li jammonta għal €5,765.07 b'rabta max-xiri tal-irħama li ġiet installata fl-okkażjoni tal-50 sena anniversarju mill-waqgħa tal-Vulcan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kont ta' HMK kien għadu ma wasalx il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu approvati wkoll iż-żewġ pagamenti msemmija.

622.4.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għadu kif irċieva telefonata mingħand is-Supretendent li Triq ix-Xgħajra, quddiem il-binja li tinsab f'Misraħ San Nikola, kienet ingħalqet minħabba periklu fil-binja.

622.4.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għadu kif irċieva *email* mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar l-attivitajiet li għalihom jixtiequ kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**622.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC3/2024R)**

622.5.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien tkellem mal-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ u li l-kuntrattur kien ikkonferma li ser

jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-proġett. Is-Sindku żied jgħid li matul il-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa teknika miegħu sabiex jitkompla l-proċess għall-bidu tax-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, minkejja diversi telefonati u diversi *emails*, il-kuntrattur s'issa naqas milli jipprovdi d-dokumenti meħtieġa sabiex jinbeda dan ix-xogħol u spjegat li qabel jipprovdi dawn id-dokumenti x-xogħol ma setax jinbeda.

**622.6 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

622.6.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi.

**622.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

622.7.1 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir numerar tal-bibien fi Triq A Caligari n-naħa ta' Triq Wied il-Għajn.

622.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' u nfurmat lill-Kunsill li kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex dan il-kors jiġi organizzat bejn Frar u April. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-Kunsill jingħata risposta kemm jista' jkun malajr sabiex tingħata pubbliċità.

622.7.3 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li flimkien mas-Sur Joseph Agius, ġiet diskussa l-possibbiltà li tiġi organizzata ħarġa għall-familji u għall-anzjani fil-Park tal-Majjistral.

622.7.4 Is-Sur Leone Sciberras qal li bil-maltemp inqatgħet il-bozza li hemm fi Triq il-Baħrija fuq il-faċċata tal-ħanut tal-ikel tal-annimali.

622.7.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li ilu mis-sena l-oħra jirraporta bozza maqtugħa fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li wara li sar rapport mill-Kunsill, il-Korporazzjoni Enemalta neħħiet il-bozza, madankollu, sa llum il-fanal għadu ma twaħħalx u konsegwentament iż-żona għadha mudlama.

622.7.6 Is-Sur Carlo Scicluna talab li l-Kunsill jibgħat komunikazzjoni lill-Infrastruttura Malta sabiex Triq il-Bikri, il-parti magħrufa bħala Sqaq Palma tiżdied mal-lista ta' toroq li l-Kunsill kien issottometta biex isir ir-*resurfacing* tagħhom. Is-Sindku qal li Infrastruttura Malta kienet diġà ġiet infurmata dwar din it-triq peress li huwa kien diġà għamel komunikazzjoni f'dan ir-rigward. Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna ssekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat talba uffiċjali lill-Infrastruttura Malta sabiex Sqaq il-Palma jiżdied mal-lista ta' toroq pendenti għar-*resurfacing*.

622.7.7 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jinżabru s-siġar li hemm mad-dawra ta' Ġnien il-Kunsill.

622.7.8 Is-Sindku qal li wara l-maltempata li seħħet, il-lokalità ma ġarbitx ħsarat infrastrutturali iżda tqaċċtu xi friegħi tas-siġar u nqatgħu diversi bozoz madwar il-lokalità.

622.7.9 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jiġi rranġat sprall iħabbat fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-ispiżerija li hemm qrib Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

622.7.10 Is-Sur Carlo Scicluna staqsa x'inhu ppjanat li jsir matul l-attività tal-Karnival. Is-Sindku qal li l-attività ser tiġi organizzata nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2026 fl-ex-venda, b'programm li jinkludi kumpaniji ta' żfin, maskli grotteski u karrijiet tal-karnival. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa wkoll jekk din is-sena kienx ser ikun hemm l-involviment tal-għaqdiet lokali. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku żied li baġit ta' €5,000 m'huwiex biżżejjed biex tiġi organizzata attività bi programm sħiħ li tinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-baned.

622.7.11 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar is-servizz tas-Silver T u nforma lill-Kunsill li kien irċieva lment mingħand diversi anzjani peress li qed jiġu riferuti għall-klinika f'Bormla, filwaqt li s-Silver T bħalissa ma jipprovdix servizz minn Ħaż-Żabbar għal Bormla. Is-Sindku qal li kien diġà f'taħditiet mal-Ministeru dwar din il-kwistjoni u li, minbarra talba biex jiżdied is-servizz għal Bormla, ser jitlob ukoll li jiżdied is-servizz għal Wied il-Għajn.

622.7.12 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li l-ħġieġa tal-*bus shelter* fi Triq is-Santwarju, faċċata tal-ex-venda, għadha ma ġietx imwaħħla u konsegwentament in-nies ikunu qed jixxarbu meta tagħmel ix-xita.

622.7.13 Is-Sur Joseph Agius qal li l-Kunsill kien qabel li l-vann tal-ħaxix ma jibqax jipparkja u jbiegħ minn mad-dawra tar-*roundabout* fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li kienu għaddejjin taħditiet mal-entitajiet ikkonċernati dwar din il-kwistjoni u li huwa diġà kien iltaqa' mal-bejjiegħ.

622.7.14 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva approvazzjoni mingħand Transport Malta sabiex vann tal-fjuri ibiegħ matul il-ġranet ta' Jum San Valentinu minn madwar il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill bagħat jirrispondi li ma jaqbilx ma' din l-approvazzjoni minħabba li jista' jsir *double parking* u minħabba li apparti l-periklu li jista' jinħoloq tista' tiżdied ukoll il-konġestjoni tat-traffiku, Transport Malta meta rċeviet talba oħra mingħand bejjiegħ ieħor sabiex ibiegħ il-fjuri fi Triq Villabate, kienet talbet bħala kundizzjoni li l-bejjiegħ ibiegħ minn fuq il-bankina u li ma jkunx iħares lejn il-karreġġjata iżda jkun iħares lejn il-bankina. Minkejja dan, is-Sindku qal li huwa ma kienx jaqbel ma' dawn il-permessi u kien talab lill-bejjiegħa sabiex isibu post alternattiv fejn ibigħu l-fjuri, fosthom fi Triq Villabate fejn hemm il-*bring in sites*, minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u mill-ex-venda fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Carlo Scicluna qal li ma jaqbilx li jsir bejgħ minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minħabba li xorta jista' jinħoloq periklu lis-sewwieqa, b'mod partikolari peress li diġà teżisti problema f'dik iż-żona.

622.7.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġu rranġati l-*bollards* li hemm fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi tal-ħanut tar-ritratti.

622.7.16 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar kemm inqatgħu bozoz minħabba l-maltempata li seħħet. Is-Sindku qal li wara l-maltempata kien għamel spezzjoni madwar il-lokalità sabiex jieħu nota tal-ħsarat li kienu saru.

**622.8 Mozzjonijiet**

622.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**622.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

622.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Frar, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

622.9.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-623 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Frar, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku